MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-23 ta' Frar, 2006

Avviz Numru. 377/2005

**Avviz Nru: -377/2005 DM**

Maltacom plc (C 22334)
Vs
Euro Plastika Limited (C 11186)

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-kumpanija konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elfejn u hames mija u wiehed u erbghin lira Maltin u tnejn u tletin centezmi (LM2,541.32c) rapprezentanti ammont minnhom dovut in konnessjoni ma' servizz telefoniku bin-numru 21674389 (AT 3460/89 – Ac 10010362).

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti avviz u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati la deheru biex jikkontestaw it-talba attrici w lanqas ma baghtu xi rapprezentant biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni fis-seduta ta’ llum;

Ghaldaqstant, wara li l-Qorti rat ukoll id-dokumenti annessi ma’ l-avviz, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghdha tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lil kumpanija konvenuta sabiex thallas lil kumpanija attrici l-ammont mitlub ta’ elfejn, hames mija u wiehed u erbghin lira Maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm2,541.32c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxijiet legali b’ effett mill-21 ta’ Gunju, 2005.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------